# Cafè Cuba

Dorianne Bonello

Cafè Cuba, mejda numru 1.
Poġġejna t-tnejn ħarira mferfxin,
bħall-ewwel darba.

Bħall-ewwel darba
il-ħarsa mfixkla tal-bidu,
l-isfond jisfuma fil-griż,
it-tiċrita li torbot it-tikek truf'iet.
Iggustajtek imxemmex
bi kliemek imkebbes
f'raġġ inżul ix-xemx
tbaxxi ħarstek kultant.

U fil-bruda tal-kafè kiesaħ
ħmejtli dil-kelma, ja raġel sabiħ,
jien u nifli r-rakkonti fjamanti
joqomsu mill-bokka f'kaskata
int u tisqi bl-istejjer li taf,
lis-siegħa u nofs mixruba
f'Cafè Cuba, ħarira mferfxin.